TIBDIL FIL-KITBA TA' KUNJOM

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Lulju 2016**

**Kawza Numru : 25**
**Rikors Guramentat Numru : 792/2014/LSO**

**Mohamed Dag f'ismu proprju u l-istess Mohamed Dag u Caroline Mifsud Bonnici fil-kwalita` taghhom ta' legittimi rapprezentanti ta' uliedhom minorenni Zarifa Dag, Sef Alden Islem Dag u Sagida Dag**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mohamed Dag *pro et noe* datat 11 ta' Settembru 2014 fejn esponew: -

Illi l-attur Mohamed Dag twieled fl-14 ta' April 1977 f' Telrifaat Syria, iben Sef Al Den Dag u Salha Dag, liema twelid huwa registrat fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku il-Belt Valletta, Malta skont **l-Atti tat-twelid u r-Registru ta' Persuni Addottati,** bin-numru 1539/2006 u dan kif jidher anness certifikat markat Dok A;

Illi l-atturi Mohamed Dag u Caroline Mifsud Bonnici zzewgu fir-Registru taz-Zwieg fil-Belt Valletta nhar l-4 ta' Jannar 1998, liema att taz-zwieg relattiv igib in-numru 10/1998 u dan kif jidher anness certifikat markat Dok B;

Illi fl-imsemmi att taz-zwieg l-attur huwa ndikat bl-isem ta' Mohamed Sef Alden Dag;

Illi mill-imsemmi zwieg twieldu t-tlett uliedhom minuri ossia Zarifa, Sef Alden Islem u Sagida Ikoll ndikati b'kunjom missierhom *Dag.*

Illi l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid ta' l-attur huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna ntestata **'Isem il-Wild'** u fil-kolonna

ntestata **'Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier'** il-kunjom kemm ta' l-attur kif ukoll ta' missier u omm l-attur huwa ndikat bhak **DAG** meta fil-fatt dan ghandu jkun indikat bhala **DATCH** sabiex jigi konformi mal-pronunzja ta' l-istess kunjom bil-lingwa Gharbija;

Illi l-att taz-zwieg ta' bejn l-attur u martu Carol Mifsud Bonnici mizmum fir-Registru Pubbliku Malta bin-numru 10/1998 huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna intestata **'Isem u Kunjom',** ir-ragel isem u kunjom ir-ragel huwa indikat bhak *Mahomed Sefal Den Dag* meta fil-fatt dan ghandu jigi ndikat bhal *Mahomed Datch;*

Illi l-att taz-zwieg imsemmi huwa wkoll skorrett fil-kolonna ntestata *Genituri tal-Mizzewgin* fejn isem u kunjom missier l-attur huma ndikati bhak *Sef Al Den Dag* meta fil-fatt dawn ghandhom ikunu ndikati bhala *Sef Al Den Datch* u kunjom omm l-attur huwa ndikat bhak Salha *Dag* nee` *Dag* meta fil-fatt dan ghandu jigi ndikat bhala *Salha Datch* nee` *Datch;*

Illi l-att tat-twelid ta' bint l-attur Zarifa, liema att huwa mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku Malta bin-numru 1598/1998 [certifikat tat-twelid anness immarkat Dok C] huwa skorrett fis-sens li fil-kolonna ntestata **'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier',** isem u kunjom il-missier huwa ndikat bhala *Mohamed Sef Alden Dag* meta fil-fatt dan ghandu jigi ndikat bhak *Mohamed Datch* u konsegwentament il-kolonna ntestata **'Isem u Kunjom u**

**post tat-twelid ta' l-Omm',** isem u kunjom zewg l-omm il-minuri Zarifa ghandu jigi ndikat bhala *Mahomed Datch*;

Illi *di piu`* l-att tat-twelid ta’ l-istess iben l-attur, Sef Alden Islem, liema att huwa mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, Malta bin-numru 4605/2001 [Certifikat tat-Twelid anness markat Dok D] huwa skorrett fis-sens li fil-kolonna ntestata **'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier[5],** isem u kunjom il-missier huwa ndikat bhak *Mahomed Sef Alden Dag* meta fil-fatt dan ghandu issa jigi ndikat bhak *Mohamed Datch* u konsegwentament il-kolonna ntestata **'Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm',** isem u kunjom zewg omm il-minuri *Sef Al Den Islem* ghandu jigi ndikat bhala *Mohamed Datch;*

Illi l-att tat-twelid ta’ bint l-attur Sagida, liema att huwa mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, Malta bin-numru 3159/2008 [Certifikat tat-Twelid anness immarkat Dok E] huwa skorrett fis-sens li fil-kolonna ntestata **Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier,** isem u kunjom il-missier huwa ndikat bhala *Mohamed Dag* meta fil-fatt dan ghandu issa jigi ndikat bhala *Mohamed Datch* u konsegwentament, il-kolonna ntestata **Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm,** isem u kunjom zewg omm il-minuri Sagida ghandu jigi ndikat bhala *Mahomed Datch;*

Illi l-atturi jridu illi isem u kunjom l-attur Mohamed Dag jigi kkoregut b'mod illi jaqblu mal-mod kif jinqraw bl-Gharbi u b'mod illi kull fejn jinkorri fuq l-imsemmija atti l-isem *Mohaned Sef Al Den* dan ghandu jigi sostitwit bl-isem

*Mahomed* filwaqt li l-kunjom *Dag* ghandu jigi sostitwit bil-kunjom *Datch;*

Illi l-fatt illi kif jinkiteb isem u l-kunjom ta' l-attur fl-Att tat-Twelid u fl-Att taz-Zwieg ma jikkombacjax mal-pronunzja ta' l-istess kunjom u li l-isem ta' l-attur f'certi dokumenti qieghed mnizzel bhala Mohamed u f'dokumenti ohra qieghed imnizzel bhala Mohamed Sef Al Den, qieghed jikkawza nkonvenjent lill-atturi kemm fil-hajja privata taghhom kif ukoll f'dik pubblika, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk l-atturi jixtiequ jirregolaw il-pozizzjoni taghhom u jeffetwaw t-tibdil necessarju sabiex l-atti ufficjali taghhom kollha jirriflettu l-isem u l-kunjom li bihom huma maghrufin u ghalhekk il-pregudizzju lamentat mill-atturi *pro et noe* mahluq mill-inkompatibilita` tar-rejalta` ta' kunjomhom u l-formalita` murija fl-atti li taghhom qieghdin jitolbu l-bidla mhux wiehed fieragh;

Illi l-ligi taghtihom din il-fakulta *a tenur* tal-Artikolu 253(1) tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dan ir-rikors qieghed isir u qieghed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur pro *et noe* li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti fuq esposti;

Illi din it-talba qieghda issir f'rikors uniku, *stante* s-similarita` tat-talbiet u tal-provi, sabiex jigu evitati l-pluralita` tal-kawzi.

Ghaldaqstant l-atturi *pro et noe* qieghdin umilment u bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha sabiex:

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru 1539/2006 relattiv ghat-twelid ta' l-attur Mohamed Dag huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

2. Tiddikjara illi l-att taz-zwieg ta' bejn l-attur u martu bin-numru 10/1998 huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

3. Tiddikjara illi l-att tat-twelid ta' bint l-attur bin-numru 1598/1998 huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

4. Tiddikjara illi l-att tat-twelid ta' iben l-attur bin-numru 4605/2001 huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

5. Tiddikjara illi l-att tat-twelid ta' bint l-attur bin-numru 3159/2008 huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

6. Konsegwentament tordna l-korrezzjonijiet ta' l-atti fuq imsemmija billi kull fejn jinkorri l-isem **'Mohamed Sef Al Den'** fuq l-imsemmija atti jigi sostitwit b' **'Mohamed';**

7. Konsegwentament tordna illi kull fejn jinkorri l-kunjom **'Dag'** fuq l-imsemmija atti jigi sostitwit b' **'Datch'**.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Novembru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta' Ottubru 2014 (fol 19) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma :

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi peress li jirrizulta li r-rikorrenti twieled fis-Sirja, ir-registrazzjoni tat-twelid tieghu fir-Registru Pubbliku saret abbazi ta' Artiklu 244 tal-Kap. 16. Illi ghaldaqstant ismu u kunjomu fuq l-att tat-twelid tieghu tnizzlu skont ma kienu miktubin fuq it-traduzzjoni tal-att tat-twelid tieghu (Dok DRP 1). Peress li l-att tat-twelid originali tieghu ma hux miktub bil-Malti jew bl-Ingliz, ghaldaqstant intalbet traduzzjoni ta' l-istess. Fuq it-traduzzjoni ismu jinsab miktub 'Mohamed' u kunjomu jinsab indikat ''Dag'. L-istess jista' jinghad dwar kif id-dettalji ta' missieru u ommu jinsabu indikati fuq l-att tat-twelid tieghu. Id-dettalji taghhom tnizzlu skont ma jirrizulta li huma miktubin fuq it-traduzzjoni tal-att tat-twelid tieghu.

3. Illi rigward id-dettalji tieghu u tal-genituri tieghu kif jinsabu imnizzlin fuq il-att taz-zwieg tieghu jigi sottomess illi dawn tnizzlu skont ma' kienu jirrizultaw fuq l-att tat-twelid li huwa ssottometta meta huwa u l-mara tieghu applikaw ghall-publikazzjoni tat-tnidijiet fir-Registru Pubbliku. Id-dettalji fuq l-att taz-zwieg jitnizzlu skont ma jkunu jirrizultaw minn fuq l-att tat-twelid tal-partijiet. Illi b'zieda ma' dan fil-

punt tal-applikazzjoni tat-tnidijiet huwa pprezenta wkoll passaport fuq liema ismu u kunjomu jinsabu indikati bhala 'Mohmed Sef Alden Dag' (Dok DRP 2).

4. Illi ghalhekk f dan ix-xenarju l-esponent jirrileva li huwa minnu xejn li d-dettalji li tnizzlu f' dawn l-atti huma skorretti kif qed jghid ir-rikorrenti. Huma tnizzlu abbazi ta' dokumentazzjoni li pprezenta r-rikorrent stess meta gie fl-edificju tar-Registru Pubbliku biex l-atti jigu rregistrati. Ghalhekk fid-diversi talbiet fejn ir-rikorrenti qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-atti imsemmija bhala skorretti fil-verita` dawn ma huma skorretti xejn.

5. Illi isem u kunjom ir-rikorrenti fuq l-att tat-twelid ta' uliedu tnizzel skont l-isem u l-kunjom li huwa stess jew martu kienu iddikkjaraw fuq l-att tat-twelid ta' uliedhom.

**6. IIli marbut ma` dan kollu ma` jirrizulta minn imkien li kunjom ir-rikorrenti huwa "Datch". Skont id-dokumenti li gew ipprezentati inkluz dokument ufficjali bhal ma huwa passaport, il-kunjom dejjem tnizzel bhala DAG u mhux DATCH. Hawn Malta isem u kunjom ta' persuna ma jinkitibx kif jigi ppronunzjat is-Sirja izda kif realment ghandu jinkiteb skont l-alfabet u r-regoli grammatikali tal-Malti. Fil-fatt il-kelma "DATCH" ghandha iktar konnotati ta' kelma Anglo-Sassona milli Maltija jew Gharbija b'dan ghalhekk li iktar jaghmel sens li tigi ippronunzjata bl-Ingliz. Hawn hafna ismijiet u kunjomijiet li jinkitbu mod imma jigu pronunzjati mod iehor! L-esponent huwa tal-fehma li kunjom m'**

**ghandux jinbidel semplicement ghaliex ir-regoli grammatikali ta' kif jigi pronunzjat fil-pajjiz in kwistjoni huma differenti. Ghalhekk l-esponent ma jarax li tali talba hija gustifikata.**

7. IIIi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-eponent u kwindi huwa m'ghadux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 26 ta' Mejju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Said Kasem ghar-rikorrenti prezenti. Dehret Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat. Xehed bil-gurament tieghu Ibrahim Madi, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Said Kasem ddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri u rrinunzjat ghat-talba taghha ghall-ispejjez. Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat ddikjara li m'ghandhiex provi aktar u irrimettiet ruhha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Lulju 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-17 ta' Settembru 2014 (fol 14) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-direttur intimat hija sorvolata.

Illi t-talba principali f'din il-kawza hija insolita. Ir-rikorrenti qed jitolbu korrezzjoni fil-kunjom *Dag* sabiex dan isir *Datch* ghar-raguni li, skont ir-rikorrenti, dan ikun konformi mal-pronunzja tal-kunjom fil-lingwa Gharbija. Inoltre qed jitolbu li l-isem tar-rikorrent kif registrat fl-att tat-twelid jigi korrett, billi kull fejn jidher "Mohammed Sef Al Den" jigi sostitwit b'"Mohamed",

Illi ghalhekk it-talba odjerna hija imsejsa fuq talba mhux ghat-tibdil tal-kunjom, imma ghat-tibdil tal-kitba tal-istess kunjom fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent kif registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u fic-certifikati l-ohra in mertu. Effettivament ir-rikorreti qed jitolbu li l-kitba tal-kunjom jirrifletti l-pronunzjament fonetiku fis-Sirja, fejn twieled ir-rikorrent.

Illi l-intimat oppona ghal diversi ragunijiet u principalment billi l-kunjom ta' persuna ma jinkitibx kif tigi pronunzjata is-

Sirja izda ghandu jinkiteb skont l-alfabet u r-regoli grammatikali tal-Malti.

Ikkonsidrat li c-certifikat tat-twelid tal-attur, li twieled is-Sirja, u li, ghalhekk, ghandha tkun il-fonti legali tal-pretensjonijiet tieghu, giet registrata f'Malta *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16.** Traduzzjoni tal-att tat-twelid jinsab esebit mar-risposta guramentata tad-Direttur intimat bhala Dok DRP1 minn fejn jirrizulta li l-kunjom tar-rikorrent hu imnizzel bhala *Dag.* L-intimat ta' affidament ghal din it-traduzzjoni.

Illi **l-artiklu 244 tal-Kap 16** jiddisponi li:

"**244**. (1) *Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

**Provi**

**Caroline Mifsud Bonnici** xehdet permezz ta' affidavit (fol 34-36) u qalet li hi u r-rikorrent izzewgu fl-4 ta' Jannar 1998, fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u hu kien issottometta l-passaport Libyan tieghu, li kopja tieghu qeghda esebita bhala Dok CMB3. Illi biex issir it-traduzzjoni, kienu nkarigaw kumpanija, bl-isem ta' "Edam Publishing House" fejn litteralment ikkupjaw dak li hemm fil-parti Ingliza tal-passaport. Spjegat li hadd ma jsejjah lir-ragel taghha bhala Dag izda bhala Datch. Qalet li llum fiz-zwieg taghhom, huma ghandhom erbat itfal u l-konjom taghhom baqa' mnizzel Dag ghalkemm bil-lingwa Gharbija ma jippronunzjax ruhu hekk. Semmhiet li tkellmet ma' ghalliem tal-Gharbi li kien ta l-verzjoni kif suppost jinkiteb kunjom ir-ragel taghha, u esebietha bhal Dok CMB4.

**Mohamed Dag** xehed permezz ta' affidavit (fol 43-44) u qal li hu zzewweg Malta fl-4 ta' Jannar 1998, u ma kienx jaf l-alfabett Malti u lanqas dak Ingliz. Semma li ilu Malta ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena, u l-mod kif f'Malta ighidu kunjomu,(ghall-mod kif inhu miktub) mhux kif kien jissejjah fis-Sirja fejn kien joqghod precedentement, hekk kif dejjem kien imsejjah fil-lingwa Gharbija bhala "Datch".

**Kuraishi Thuheer** xehed b'affidavit (fol 46) li qal li hu Sirjan, sar jaf lir-rikorrent f'Malta, u ilu jafu ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, u dejjem sejjahlu bhala "Datch".

**Sameh Derbas** xehed b'affidavit (fol 49) u qal li hu Sirjan u ilu jaf lir-rikorrent minn tfulitu fis-Sirja, u dejjem irrefera ghalih bil-kunjom bhala "Datch" u kulhadd jafu hekk.

**Abdul Dhibo** xehed b'affidavit (fol 53) u qal li hu Sirjan u ilu jaf lir-rikorrent fis-Sirja peress li gejjin mill-istess rahal, u qal li fis-Sirja kienu jaghjtulu Datch u anke hawn Malta.

**Ibrahim Madi** xehed (fol 79-83)[1] u qal li hu ghalliem tal-Gharbi, li kien jghallem lit-tifla tar-rikorrent. Spjega d-differenza bejn l-Gharbi klassiku u accent Gharbi, u li fis-Sirja "g" jsejhula "c". Qal li kellu jiktibha bl-Gharbi kif tinhass, jiktibha Datch. Fid-dokument minnu miktub Dok **CMB4,** hemm miktub li "*the family name is pronounced wrongly when spelled in English as "Dag" and that the closest pronunciation to the Arabic alternative is "Datch."*

Minn dan il-Qorti tiddeduci li lanqas il-kitba "*Datch*" hija soddisfacjenti billi hija "*the closest" .*

Ikkonsidrat li fejn jigu prodotti atti tat-twelid, u atti ufficjali ohrajn, redatti f'pajjiz iehor b'lingwa li mhix wahda fost dawk ufficjali ta' pajjizna, d-dettalji mnizzla fl-atti trid issirilhom traduzzjoni u l-awtoritajiet iridu jistriehu fuq tali traduzzjoni.

Il-Qorti nnominat lil **Nadia Lanzon**, bhala esperta fit-traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghal-lingwa Ingliza. Hi

---

[1] Seduta tas-26 ta' Mejju 2016.

nnotat korrettement li ma hemm ebda dokument fil-process fejn il-kunjom huwa mnizzel bhala *Datch.*

Hi ttraduciet kopja ta' passaport tar-rikorrenti mahrug mill-awtoritajiet Libjani, **Dok DRP2**, u kif ukoll **Dok CMB3**, li jikkonsisti f'kopja ohra ta' passaport mahrug mill-awtoritajiet Libjani. Mir-rapport taghha esebit a fol 61- 66 tal-process, debitament mahluf fit-30 ta' Gunju 2015, jirrizulta s-segwenti informazzjoni.

Mill-konkluzjonijiet tal-esperta traduttrici, gie konkjuz li l-kunjom gie tradott bhala DAG, u li kieku kellu jkun traskritt b'mod aktar fidili ghall-pronunzja tal-alfabett Ingliz, kellu jkun **Daj**.

Hi fissret ukoll, b'mod dettaljat id-differenza fis-Sirja u fil-Libja, *stante* li r-rikorrenti twieled fis-Sirja, fejn fis-Sirja hemm influwenza tal-kultura Franciza, u fil-Libja, zgur li m'hemmx l-ebda influwenza Franciza, u ghalhekk meta jsiru t-traskrizzjonijiet, isegwu l-alfabet u l-fonetika Ingliza.

Jigi notat li l-kunjom *Dag*, skont l-esperta, jekk jigi traskritt bil-Malti irid jinkiteb bl-ittra "g" bit-tikka sabiex "*bhala pronunzja tixbah hafna il-kelma Dutch bl-Ingliz."* Madanakollu kif irraportat, f'Malta "*meta jsiru traskrizzjonijiet ta' ismijiet tigi uzata u segwita l-alfabet u l-fonetika Ingliza."*

Hi kkonkludiet li l-kunjom kif mitkub bl-Gharbi ghandu jigi traskritt bhala *DAJ* li hija t-traskrizzjoni aktar fidili ghal pronunzja bl-alfabet Ingliz.

Sussegwentement, gie pprezentat rapport iehor tal-istess esperta nominata mill-Qorti, Nadia Lanzon, fejn hi ttraduciet kopja ohra tal-passaport Libjan tar-rikorrenti (fol 67-69), minn fejn jirrizulta s-segwenti:

Fid-dokument **Dok DRP2** l-isem jigi tradott ghal **Mohammed Daj**.

Fid-dokument **Dok CMB3** l-isem jigi tradott ghal **Mohammed Seif Al Din Daj**.

Madankollu, it-traduttrici, fiz-zewg rapporti rriteniet li ma jfissirx li t-traduzzjoni tal-isem *Datch* hi hazina, jew skorretta, minhabba diversi fatturi spjegati fir-rapport precedenti li setghu nfluwenzaw it-traduzzjoni.

Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat u dan ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Difatti, *in vista* tat-tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-intimat, jigi ritenut li ma jirrizultax li sar ebda zball li jista' jigi addebitat lill-intimat. Referibbilment ghal **Dok DRP1** (traduzzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrent bil-Malti) u **Dok DRP2** (kopja tal-passaport tar-rikorrent), id-dettalji tnizzlu skont l-att tat-twelid u d-dokumenti sottomessi mir-rikorrent

stess. Ghalhekk, taqbel li d-dettalji mnizzla fl-atti msemmija fir-rikors promotur mhumiex skorretti.

Madankollu, fuq **Dok DRP1** ismu jinsab indikat bhala Mohamed Dag filwaqt li fl-att taz-zwieg tieghu, u fl-atti tat-twelid ta' ulied ir-rikorrenti, indikati fir-rikors promotur, isem ir-rikorrent hu indikat bhala Mohamed Sef Al Den. Illi d-diskrepanza fl-isem fid-dokumenti ufficjali tar-rikorrent, fejn hu mnizzel hekk anke fil-kopja tal-passaport u fil-karta tal-identita` (fol 45) ghandha tigi sostitwita bl-isem Mohamed.

Fid-dawl tal-premess, fil-kuntest tal-kunjom, u *in vista* tal-konkluzjonijiet tal-esperta mahtura, li kkonkludiet li kellha titraskrivi l-isem ghall-alfabett Ingliz, kien ikun bhala **Daj**. Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimat fis-sitt eccezzjoni, li hemm hafna ismijiet u kunjomijiet li jinkitbu b'mod, imma jigu pronunzjati mod iehor inkluzi kunjomijiet Maltin.[2] Ghalhekk, il-kitba tal-kunjom m'ghandux jinbidel semplicement ghaliex il-pronunzament fonetiku f'pajjiz partikolari hi differenti.

Ikkonsidrat li fil-kaz odjern, hija tal-fehma tal-Qorti li l-intimat m'ghandux ikun mistenni jbiddel it-traskrizzjoni skont il-pronunzjar fonetiku galadarba it-traskrizzjoni jirrifletti l-lingwa Ingliza skont il-prassi, u dan fl-interess tal-konsistenza u certezza li huma essenzjali fid-determinazzjoni ta' atti ta' stat civili. Madanakollu lanqas hi konvinta li l-kunjom *DAG* ma jirriflettix il-pronunzjament

[2] Ad ezempju "Guillaumier" li ghandha pronunzjment totalment differenti fl-uzanza ta' pajjizna.

"korrett" tal-kunjom fil-lingwa gharbija tenut kont tar-riflessjoni li l-itttra "g" tiftiehem bhala "g bit-tikka" li kieku kellu jigi traskritt bil-lingwa Maltija.[3]

Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti riferibbilment ghall-kunjom, mhiex gustifikata u ma tistax tintlaqa' u lanqas timpedih milli jippronunzja l-kunjom tieghu kif jinhass.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad it-talbiet tar-rikorrenti salv u limitatament ghas-sitt talba u tiddisponi dwar din it-talba skont kif gej:

Tilqa' s-sitt talba u tordna l-korrezzjoni fl-atti msemmija u cioe`, taz-zwieg ta' bejn l-attur u martu bin-numru 10/1998; l-att tat-twelid ta' bint ir-rikorrenti Zarifa, bin-numru 1598/1998; l-att tat-twelid ta' iben l-attur Sef Alden Islem bin-numru 4605/2001; l-att tat-twelid ta' bint l-attur Sagida bin-numru 3159/2008 billi kull fejn jidher isem ir-rikorrent fl-atti msemmija fir-rikors promotur, bhala "Mohamed Sef Al Den", jigi sostitwit bl-isem "Mohamed."

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti skont l-**artikolu 256** tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

[3] Rapport tal-esperta a fol 65 tal-process.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' Lulju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Lulju 2016**